**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Novembru 2016**

**Kawza Nru. 16**
**Rik. Gur. Nru. 791/12 JZM**

**Sam Investments Limited (C56784)**

***kontra***

**Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino (ID 726536M); u b`digriet tat-2 ta` Mejju 2016 l-isem "Cornelius Francis sive Maurice" gie jaqra "Cornelio Francesco"; u b`digriet tat-2 ta` Mejju 2016 l-atti tal-kawza f`isem Cornelio Francesco Scifo Diamantino gew trasfuzi f`isem Simone Diamantino (ID 46168M) bhala l-eredi universali tieghu**

***u***

**A.M. Developments Limited (C-18510)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-**<u>rikors guramentat</u>** prezentat fis-<u>7 ta` Awwissu 2012</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi in forza ta` konvenju ffirmat fil-25 ta` Gunju 2012 izda erroneament datat 26 ta` Gunju 2012 (Dokument 'S11'), il-konvenuti ntrabtu solidalment bejniethom sabiex jittrasferixxu a favur tas-socjeta` attrici l-porzjoni diviza ta` art sal-lum agrikola flimkien ma` kwalunkwe benefikati li hemm kostruiti fuqha kompriz maghha l-parti stradali gia esproprjata gewwa l-Qrendi, fi Triq Sant`Anna, formanti parti mill-art maghrufa bhala "Ta` Blajjet", fil-kontrada omonima, tal-kejl ta` cirka elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2,938 m.k.), kif murija fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala dokument 'A' mal-istess konvenju, konfinanti mit-Tramuntana ma` beni tas-successuri ta` A.M. Developments Limited, mill-Grigal ma` beni tal-familja maghrufa ta` Buslieka, u mill-Punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u tal-aventi causa ta` A.M. Developments Limited, kif soggetta ghar-rata taghha ta` cens annwu u perpetwu ta` hmistax-il centezmu ta` euro (€0.15) altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha kif inhi llum okkupata minn terzi, versu l-prezz komplessiv ta` erbgha u hamsin elf hames mija tlieta u hamsin euro (€54,553.00) u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-ohra stipulati fl-istess konvenju ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici pprezentat ittra ufficjali datata 17 ta` Lulju 2012 li biha nterpellat lill-konvenuti in solidum sabiex, entro t-terminu utili stipulat fl-imsemmi konvenju, jaddivjenu ghall-pubbblikazzjoni tal-att pubbliku ta` trasferiment finali in ezekuzzjoni tal-istess konvenju ;*

*3. Illi minkejja l-imsemmija nterpellazzjoni gudizzjarja l-konvenuti baqghu inadempjenti ;*

*4. Illi ghalhekk is-socjeta` attrici hija kostretta tipprocedi bl-azzjoni odjerna sabiex titlob it-twettieq tal-imsemmi konvenju skond il-ligi ;*

*5. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lis-socjeta` attrici u lill-esponent Saviour Borg personalment ;*

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta` attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni :*

*1. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in esekuzzjoni tal-konvenju ffirmat fil-25 ta` Ġunju 2012 iżda erroneament datat 26 ta` Ġunju 2012 li permezz tiegħu l-konvenuti ntrabtu solidalment sabiex jittrasferixxu a favur tas-soċjeta` attriċi l-porzjoni diviża ta` art sal-lum agrikola flimkien ma` kwalunkwe benefikati li hemm kostruiti fuqha kompriż magħha l-parti stradali ġia esproprjata ġewwa l-Qrendi, fi Triq Sant`Anna, formanti parti mill-art magħrufa bħala "Ta` Blajjet", fil-kontrada omonima, tal-kejl ta` ċirka elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2,938m.k.), kif murija fuq il-pjanta annessa u mmarkata bħala dokument 'A' mal-istess konvenju, konfinanti mit-Tramuntana ma` beni tas-suċċessuri ta` A.M. Developments Limited, mill-Grigal ma` beni tal-familja magħrufa ta` Buslieka, u mill-Punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u tal-aventi causa ta` A.M. Developments Limited, kif soġġetta għar-rata tagħha ta` ċens annwu u perpetwu ta` ħmistax-il ċentezmu ta` euro (€0.15) altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħha kollha kif inhi llum okkupata minn terzi, versu l-prezz komplessiv ta` erbgħa u ħamsin elf ħames mija tlieta u ħamsin euro (€54,553.00) u taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet l-oħra stipulati fl-istess konvenju, kif premess.*

*2. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt, li għandu jiġi ppubblikat fil-jum, ħin u lok li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 17 ta` Lulju 2012, kontra l-konvenuti nġunti personalment għas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-kumpannija attriċi, il-lista tax-xhieda indikati minnha, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat.

Rat ir-**risposta guramentata** ta` l-konvenuta A.M. Developments Limited prezentata fid-9 ta` Novembru 2012 li taqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` esponenti ma topponix ghat-talbiet attrici u lesta li tersaq ghall-att notarili opportun in ezekuzzjoni tal-konvenju de quo hekk kif diretta minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*2. Illi ghalhekk, l-esponenti m`ghandhiex tehel l-ispejjez ta` din il-procedura.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmija konvenuta.

Rat ir-**risposta guramentata** ta` l-konvenut Cornelius Francesco Scifo Diamantino li kienet prezentata fit-30 ta` Novembru 2012 u taqra hekk :-

***I.*** *ILLI, in linea preliminari, l-kontendenti ma ffirmaw l-ebda konvenju nhar is-26 ta` Gunju 2012 (DOK: MD1) u konsegwentement it-talbiet attrici, in kwantu li jirreferu ghal din l-istess data, u in kwantu li permezz taghhom qieghed jintalab illi l-esponent jigi kkundannat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta` kuntratt definittiv ta` bejgh skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` konvenju tal-istess data, anness mar-rikors guramentat promutorju bhala DOK: SI1, huma totalment insostenibbli kif dedotti ;*

***II.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju li, fil-fatt, gie ffirmat mill-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 kellu jibqa` validu ghal perjodu ta` tlett (3) xhur, kif kontemplat fl-Artikolu 1357 (2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta), u mhux sal-31 ta` Lulju 2012, u ghalhekk il-konvenju esebit mar-rikors guramentat promotorju - kif emendat minghajr il-kunsens tal-esponent - u li fuqu hija bbazata l-azzjoni attrici f`din l-istanza jimporta obbligazzjoni differenti minn dik illi assuma l-esponent, u konsegwentement la huwa validu skond il-ligi u lanqas ma huwa vinkolanti fuq l-istess esponent ;*

***III.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju li gie ffirmat mill-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 kellu jibqa` validu sal-25 ta` Settembru 2012 - u mhux sal-31 ta` Lulju*

*2012 kif pretiz mill-kumpannija attrici - u ghalhekk it-talbiet attrici f`din l-istanza huma ntempestivi u konsegwentement totalment insostenibbli kif dedotti ;*

***IV.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpannija attrici m`ghandhiex l-interess guridiku rikjest mil-ligi f`dawn il-proceduri billi, fil-mument illi gie ffirmat il-konvenju bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012, l-istess kumpannija attrici kienet ghadha ma gietx kostitwita, ossija registrata, skond il-ligi u ghalhekk hija ma setghetx tintrabat, validament u skond il-ligi, illi tixtri u takkwista l-proprjeta` msemmija fir-rikors guramentat promotorju ;*

***V.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-konvenju li gie ffirmat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 ma sarx bil-bona fidi tal-kumpannija attrici u tal-kumpannija konvenuta, jew ta` min minnhom, u konsegwentement la huwa validu skond il-ligi u lanqas ma huwa vinkolanti fuq l-istess esponent, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

***VI.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, il-konvenju li gie ffirmat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 huwa null u bla effett billi l-kunsens tal-esponent fuq l-istess konvenju gie moghti bi zball u/jew gie mehud bl-eghmil doluz tal-kumpannija attrici u tal-kumpannija konvenuta, jew ta` min minnhom, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

***VII.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, il-konvenju li gie ffirmat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 huwa null u bla effett billi huwa simulat in kwantu li minkejja li l-kumpannija A.M. Developments Limited dehret bhala venditrici fuq l-istess imsemmi konvenju, hija u/jew id-direttur taghha Anton Camilleri, kienet ukoll, fil-verita`, kumpratrici bis-sahha, fost ohrajn, tal-kolluzjoni li kien hemm bejnha u bejn il-kumpannija attrici u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

***VIII.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, jezistu ragunijiet validi skond il-ligi sabiex l-esponent ma jaddivjenix ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv ta` bejgh tal-art imsemmija fir-rikors guramentat promotorju, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

***IX.*** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, it-talbiet tal-kumpannija attrici kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment ;*

***X.*** *SALV risposti ulterjuri permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmi konvenut u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat il-**kontrotalba** ta` l-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino li taqra hekk :–

***I.*** *ILLI l-esponent rikonvenzjonant u l-kumpannija A.M. Developments Limited (C 18510) huma nvoluti fin-negozu tal-bejgh, xiri, u zvilupp tal-bini, u huma komproprjetarji, fi kwoti diversi, ta` numru ta` proprjetajiet immobbli ;*

***II.*** *ILLI nhar it-22 ta` Gunju 2012, l-esponent rikonvenzjonant gie avvicinat mill-kumpannija A.M. Developments Limited - dejjem permezz tad-direttur taghha Anton Camilleri, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 228266 (M) - illi hija kienet sabet bniedem, ossija persuna fizika, illi kien interessat illi jixtri u jakkwista porzjoni diviza ta` art agrikola li hi u l-istess esponent rikonvenzjonant ghandhom b`komproprjeta`, f`sehem ta` zewg terzi indivizi u terz indiviz rispettivament, gewwa l-Qrendi ;*

***III.*** *ILLI l-esponent rikonvenzjonant, bi buona fidi, talab ftit informazzjoni dwar, fost ohrajn, l-identita` ta` din il-persuna, izda l-kumpannija A.M. Developments Limited infurmatu li hija kienet ghadha kif*

*giet avvicinata minn tali persuna ghall-ewwel darba, u li ghalhekk hija ma kellha l-ebda informazzjoni dwarha ;*

***IV.*** *ILLI, billi l-kumpannija A.M. Developments Limited dehret akkanita ferm sabiex tikkonkludi l-istess bejgh kemm jista` jkun malajr, l-esponent rikonvenzjonant infurmaha illi huwa kien lest illi, flimkien maghha, jersaq ghall-bejgh ta` din l-art jekk kemm il-darba l-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha tal-istess bejgh ikunu favorevoli u a sodisfazzjoni tieghu*

***V.*** *ILLI, wara li l-kumpannija A.M. Developments Limited innegozjat il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` dan il-bejgh wahedha mal-kumpratur prospettiv - ad eskluzjoni tal-prezz, illi dwaru hija kkonsultat ukoll mal-esponent rikonvenzjonant - l-istess kumpannija stiednet lill-esponent rikonvenzjonant sabiex jattendi ghal laqgha gewwa l-ufficju tan-Nutar Dottor Charles Mangion nhar il-25 ta` Gunju 2012 sabiex dawn l-istess pattijiet u kondizzjonijiet ikunu jistghu jigu diskussi mal-istess kumpratur ;*

***VI.*** *ILLI dakinhar tal-25 ta` Gunju 2012, l-esponent rikonvenzjonant iltaqa` ghall-ewwel darba ma` Saviour Borg, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 466565 (M), li gie ntrodott lilu bhala l-kumpratur de proprio msemmi ;*

***VII.*** *ILLI, dakinhar tal-25 ta` Gunju 2012, u fil-prezenza tan-Nutar Dottor Charles Mangion, l-esponent rikonvenzjonant wera certu riluttanza illi jiffirma l-konvenju li gie pprezentat lilu dak il-hin stess u dan kemm ghaliex din il-laqgha kienet intiza biss, safejn kien jaf l-istess esponent rikonvenzjonat, sabiex jigu diskussi l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-bejgh, u anke ghaliex il-kumpannija A.M. Developments Limited u l-imsemmi Saviour Borg kienu qeghdin juru ghagla straordinarja sabiex jigi ffirmat dan il-konvenju, tant illi sahansitra riedu li dan jigi ffirmat minghajr ma tigi annessa pjanta adegwata dwar il-konfini tal-art meritu tal-istess konvenju ;*

***VIII.*** *ILLI, madanakollu, l-esponent rikonvenzjonant eventwalment ceda u, dakinhar stess tal-25 ta` Gunju 2012, huwa ffirma konvenju li permezz tieghu huwa obbliga ruhhu, flimkien mal-kumpannija A.M. Developments Limited, illi jbiegh u jitrasferixxi sehmu, ossija terz indiviz, mill-porzjoni diviza ta` art agrikola gewwa l-Qrendi, fi Triq Sant` Anna, formanti parti mill-art maghrufha bhala "Ta` Blajjet", tal-kejl ta` cirka elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2938mk), konfinanti mit-tramuntana ma` beni tas-successuri ta` A.M. Developments Limited, mill-*

*grigal ma` beni tal-familja maghrufa bhala "Ta` Buslieka", u mill-punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u l-aventi causa tal-istess A.M. Developments Limited, kif soggetta ghar-rata taghha ta` cens annwu u perpetwu ta` hmistax-il centezmu ta` euro (€0.15), altrimenti libera u franka, bid-dirttijiet u l-pertinenzi kollha taghha, kif inhi illum okkupata minn terzi, versu l-prezz kumplessiv ta` erba` u hamsin elf, hames mija u tlieta u hamsin ewro (€54,553.00), u dan skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha tal-istess konvenju, li kellu jibqa` validu skond it-terminu ta` tlett xhur skond il-ligi, u cjoe` sal-25 ta` Settembru 2012 ;*

***IX.*** *ILLI, madanakollu, wara li l-esponent rikonvenzjonant kien iffirma u inghata kopja ta` dan il-konvenju, huwa skopra illi, effettivament, hu u A.M. Developments Limited ma kienux obbligaw ruhhom illi jbieghu u jitrasferixxu l-art imsemmija lill-imsemmi Saviour Borg, izda lill-kumpannija rikonvenzjonata Sam Investments Limited (C 56784) ;*

***X.*** *ILLI minn ricerka li sussegwentement ghamel l-esponent rikonvenzjonant irrizulta illi l-kumpannija rikonvenzjonata kienet giet kostitwita, ossija registrata, sighat wara li l-kontendenti kienu ffirmaw il-konvenju dakinhar tal-25 ta` Gunju 2012, u dan bl-ufficju registrat taghha jkun l-istess bhal dak sia residenzjali ta` Anton Camilleri, u sia dak tal-kumpannija A.M. Developments Limited, ossija "Il-Maxtura", Madliena Road, Madliena (**DOK: MD2**) ;*

***XI.*** *ILLI l-esponent rikonvenzjonant jissuspetta wkoll illi l-kapital li nhareg sabiex giet kostitwita, ossija registrata, l-kumpannija rikonvenzjonata thallas mill-kumpannija A.M. Developments Limited, jew mid-direttur taghha Anton Camilleri, u li, minkejja l-fatt illi l-ishma tal-istess kumpannija rikonvenzjonata jappartjenu lkoll lill-imsemmi Saviour Borg - anke jekk huma maqsuma f`zewg kategoriji separati u distinti - l-istess Saviour Borg qieghed jagixxi bhala mandatarju prestanome tal-istess kumpannija A.M. Developments Limited u/jew ta` Anton Camilleri ;*

***XII.*** *ILLI l-esponent rikonvenzjonant zgur illi ma kienx jiffirma l-konvenju tal-25 ta` Gunju 2012 li kieku huwa kien a konoxxenza tas-suespost f`dak il-mument illi huwa accetta li jiffirma l-istess konvenju ;*

***XIII.*** *ILLI, sussegwentement, l-esponent rikonvenzjonant gie notifikat bir-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija rikonvenzjonata li permezz*

*tieghu hija talbet, fost ohrajn, sabiex huwa jigi kkundannat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta` kuntratt definittiv ta` bejgh skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` konvenju datat 26 ta` Gunju 2012, u li kien validu sal-31 ta` Lulju 2012 ;*

***XIV.*** *ILLI dan ifisser illi l-konvenju li fuqu gie bbazat l-imsemmi rikors guramentat promotorju gie datat b`mod zbaljat, u t-terminu tal-istess konvenju gie sahansitra emendat mill-kumpannija rikonvenzjonata u mill-kumpannija A.M. Developments Limited minghajr il-kunsens tal-esponent rikonvenzjonant ;*

*GHALDAQSTANT, tghid il-kumpannija attrici rikonvenzjonata ghaliex m`ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna :*

***I.*** *TIDDIKJARA illi l-kunsens tal-esponent rikonvenzjonant fuq il-konvenju esebit bhala DOK: SI1 mar-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata gie moghti mill-istess esponent rikonvenzjonant bi zball u/jew gie mehud bl-eghmil doluz tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata ;*

***II.*** *TIDDIKJARA illi l-konvenju esebit bhala DOK: SI1 mar-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata huwa simulat billi minkejja li l-kumpannija A.M. Developments Limited dehret bhala venditrici fuq l-istess imsemmi konvenju, hija u/jew id-direttur taghha Anton Camilleri, kienet ukoll, fil-verita`, kumpratrici fuq l-istess konvenju bis-sahha, fost ohrajn, tal-kolluzjoni li kien hemm bejnha u bejn il-kumpannija attrici rikonvenzjonata ;*

***III.*** *TIDDIKJARA, konsegwentement, illi l-konvenju esebit bhala dokument DOK: SI1 mar-rikors guramentat promotorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata huwa null u bla effett fil-ligi ;*

***IV.*** *TIDDIKJARA, konsegwentement, illi l-esponent rikonvenzjonant m`huwiex obbligat illi jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv ta` bejgh, favur il-kumpannija attrici rikonvenzjonata, tas-sehem tieghu ta` terz indiviz tal-porzjoni diviza ta` art agrikola gewwa l-Qrendi, fi Triq Sant` Anna, formanti parti mill-art maghrufha bhala "Ta` Blajjet", tal-kejl ta` cirka*

*elfejn disa` mija u tmienja u tletin metri kwadri (2938mk), konfinanti mit-tramuntana ma` beni tas-successuri ta` A.M. Developments Limited, mill-grigal ma` beni tal-familja maghrufa bhala "Ta` Buslieka", u mill-punent ma` beni tal-eredi ta` Wenzu Tabone u l-aventi causa tal-istess A.M. Developments Limited, kif soggetta ghar-rata taghha ta` cens annwu u perpetwu ta` hmistax-il centezmu ta` euro (€0.15), altrimenti libera u franka, bid-dirttijiet u l-pertinenzi taghha kollha, kif inhi illum okkupata minn terzi, versu l-prezz kumplessiv ta` erba` u hamsin elf, hames mija u tlieta u hamsin ewro (€54,553.00), skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-konvenju esebit bhala dokument DOK: SI1 mar-rikors guramentat promutorju tal-kumpannija attrici rikonvenzjonata.*

*Bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici rikonvenzjonata, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni, u b`rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lill-esponent rikonvenzjonant, kontra l-kumpannija attrici rikonvenzjonata, skond il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Scifo Diamantino ghall-fini tal-kontrotalba u l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mal-kontrotalba.

Rat illi l-konvenut Scifo Diamantino ndika, ghall-fini ta` notifika tal-kontrotalba, kemm lill-kumpannija attrici kif ukoll lill-kumpannija konvenuta.

Rat fuq l-iskorta tal-atti, partikolarment it-tergo tal-*folder* a fol 20, illi ma kienx hemm notifika ta` A.M. Developments Limited bil-kontrotalba ta` l-konvenut Scifo Diamantino, pero` ghalkemm ma kenitx formalment notifikata bil-kontrotalba, A.M. Developments Limited fil-21 ta` Dicembru 2012 ipprezentat **risposta guramentata** ghall-kontrotalba li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament it-talbiet rikonvenzjonali proposti mill-konvenut rikonvenzjonant huma rriti u nulli in kwantu qed jigu diretti wkoll fil-konfront tas-socjeta` esponenti li tikkonfigura f`din il-kawza bhala konvenuta. L-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jillimita l-procedura tar-rikonvenzjoni ghal talbiet diretti unikament fil-konfront tal-attur fil-kawza u mhux ukoll fil-konfront tal-attur fil-kawza u mhux ukoll fil-konfront tal-konvenuti l-ohra ;*

*2. Illi preliminarjament l-azzjoni rikonvenzjonali hija, fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, irrita u nulla in kwantu hija bazata fuq premessi kontradittorji ghal xulxin, senjatament l-allegazzjoni tal-vizzju tal-kunsens hija kontradittorja ghal dik tas-simulazzjoni. Ghalhekk, l-ewwel u t-tieni talbiet rikonvenzjonali huma nkonsistenti ma` xulxin u tali nkonsistenza tirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali rrita u nulla ;*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kunsens tal-konvenut rikonvenzjonant ma kien affett minn ebda zball u ma kien soggett ghall-ebda eghmil doluz ;*

*4. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-premess, anki kieku stess ex gratia argomenti kellu jitqies li kien hemm xi forma ta` zball jew eghmil doluz, xorta wahda ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega sabiex il-konvenut rikonvenzjonant ikun jista` jitlob it-thassir tal-konvenju de quo jew altrimenti jitlob li jinheles mill-obbligi tieghu ai termini tal-istess konvenju ;*

*5. Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenju de quo ma kien bl-ebda mod simulat ;*

*6. Illi t-talbiet rikonvenzjonali proposti mill-konvenut rikonvenzjonat huma fi kwalsijasi kaz infondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` A.M. Developments Limited u l-lista tax-xhieda indikati minnha ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat ir-**<u>risposta guramentata</u>** li l-attrici Sam Investments Limited ipprezentat ghall-kontrotalba fl-<u>24 ta` Dicembru 2012</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament il-kontrotalbiet tal-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino huma nulli billi ma tistax issir kontrotalba kontra konvenut iehor fil-kawza ;*

*2. Illi preliminarjament il-kontrotalbiet tal-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino huma nulli billi ma tistax issir kontrotalba li hija fl-istess waqt bazata fuq is-simulazzjoni u fuq il-vizzju tal-kunsens ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni tal-izball u tal-eghmil doluz qed tigi michuda mill-esponent u fi kwalsijasi kazi il-konvenut ma jistax jitlob l-annullament tal-konvenju mertu tal-kawza billi, fic-cirkostanzi, ma jissussistux l-elementi mehtiega sabiex tintlaqa` tali talba ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjoni tas-simulazzjoni hija michuda bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontrotalbiet tal-konvenut Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2013 fejn halliet il-kawza ghal provvediment dwar it-talba li saret mill-konvenut Scifo Diamantino ghall-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenuta A.M. Developments Limited ghall-kontrotalba tieghu.

**Rat il-provvediment taghha tat-22 ta` April 2013 li permezz tieghu ordnat l-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenuta A.M.**

**Developments Limited ghall-kontrotalba tal-konvenut Scifo Diamantino [fol 43 sa 46 tal-process] bl-ispejjez kollha relatati ma` dak il-provvediment jithallsu mill-konvenuta A.M. Developments Limited.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta` April 2013 fejn tat direzzjoni lill-partijiet illi kienet sejra tisma` provi dwar l-ewwel erba` eccezzjonijiet tal-konvenut Scifo Diamantino u mbaghad taghti sentenza dwarhom.**

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Charles Mangion, ta` l-Av Amanda Poole u tal-konvenut Scifo Diamantino fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2013 u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt l-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut Scifo Diamantino fl-udjenza tal-21 ta` Novembru 2013 u rat id-dokument li kien prezentat waqt l-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Brian Tonna fl-udjenza tal-10 ta` April 2014.

Semghet ix-xiehda ta` Saviour Borg u ta` Anton Camilleri fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2014.

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Dottor Charles Mangion fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2014 u rat id-dokument li kien prezentat waqt l-istess udjenza.

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel erba` eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Scifo Diamantino bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.**

**Rat in-nota li pprezenta l-konvenut Scifo Diamantino fit-28 ta` Lulju 2014 li permezz taghha rtira r-raba` eccezzjoni preliminari tieghu.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Is-sentenza tal-lum

Bis-sentenza tal-lum, qeghdin jigu decizi l-ewwel **tliet** eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Scifo Diamantino, billi r-raba` eccezzjoni kienet ritirata fit-28 ta` Lulju 2014.

L-eccezzjonijiet li qeghda tiddeciedi llum ighidu hekk :-

*I. ILLI, in linea preliminari, l-kontendenti ma ffirmaw l-ebda konvenju nhar is-26 ta` Gunju 2012 (DOK : MD1) u konsegwentement it-talbiet attrici, in kwantu li jirreferu ghal din l-istess data, u in kwantu li permezz taghhom qieghed jintalab illi l-esponent jigi kkundannat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta` kuntratt definittiv ta` bejgh skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` konvenju tal-istess data, anness mar-rikors guramentat promutorju bhala DOK: SI1, huma totalment insostenibbli kif dedotti ;*

*II. ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju li, fil-fatt, gie ffirmat mill-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 kellu jibqa` validu ghal perjodu ta` tlett (3) xhur, kif kontemplat fl-Artikolu 1357 (2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta), u mhux sal-31 ta` Lulju 2012, u ghalhekk il-konvenju esebit mar-rikors guramentat promotorju - kif emendat minghajr il-kunsens tal-esponent - u li fuqu hija bbazata l-azzjoni attrici f`din l-istanza jimporta obbligazzjoni differenti minn dik illi assuma l-esponent, u konsegwentement la huwa validu skond il-ligi u lanqas ma huwa vinkolanti fuq l-istess esponent ;*

*III. ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenju li gie ffirmat mill-kontendenti nhar il-25 ta` Gunju 2012 kellu jibqa` validu sal-25 ta` Settembru 2012 - u mhux sal-31 ta` Lulju 2012 kif pretiz mill-kumpannija attrici - u ghalhekk it-talbiet attrici f`din l-istanza huma ntempestivi u konsegwentement totalment insostenibbli kif dedotti.*

## III. Provi

**In-Nutar Dr Charles Mangion** ikkonferma li l-konvenju a fol 6 u 7 tal-process kien iffirmat quddiemu. Ikkonferma li l-email a fol 25 tal-process kienet email mibghuta minnu. Il-partijiet kellhom kopja tal-konvenju u kienu qeghdin isegwu waqt li huwa kien qed jaqra l-konvenju. Il-konvenju sar it-Tnejn 25 ta` Gunju 2012 izda bi zball tnizzlet id-data tas-26 ta` Gunju 2012. Il-konvenju sar waqt in-nofs inhar ta` filghodu. Kienet saret emenda ghal klawsola 6 fejn gie dikjarat li l-konvenju kellu jibqa` validu sat-3 ta` Lulju 2012. Ikkonferma li fejn l-emenda kien hemm zewg firem. Mistoqsi jekk Diamantino kienx prezenti waqt li saret dik l-emenda ghal klawsola 6, stqarr illi dik l-emenda saret malli gie ffirmat il-konvenju jew qabel ma` gie konkluz. Spjega li l-partijiet koncernati talbu – bhal dejjem - kopja tal-konvenju. Cahad illi nbidlet id-data fl-assenza ta` Scifo Diamantino. Qal li ma setax jispjega ghaliex l-emenda ma kenitx iffirmata minn Scifo Diamantino wkoll. Kopja tal-konvenju nghatat lil partijiet dakinhar stess ta` l-firma. L-ghada filghodu l-avukat ta` Scifo Diamantino baghtlu l-email a fol 25. Huwa kkonferma lill-avukat li kien hemm zball fid-data, izda l-emenda ghal klawsola 6 saret dak il-hin u mhux wara . Wara li sar il-konvenju ma sar l-ebda tibdil. Ma kienx hemm kwistjoni dwar kemm kellu jkollu validita` l-konvenju. Ir-ricerki dwar il-vendituri kienu diga` saru u ghalhekk kulma kellu jsir *update* tar-ricerki. Dakinhar ma kienx jaf bi kwistjonijiet ohra.

Kompla jixhed illi huwa ma vverifikax jekk Silvio Borg kellux l-awtorita` rikjesta sabiex jirraprezenta lil Sam Investments Limited. Qaghad fuq id-dikjarazzjoni tieghu. Il-verifika ssir meta jkun se jsir il-kuntratt. Silvio Borg ma tahx in-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija attrici. Borg u Camilleri ma kellhom f`idejhom il-*memorandum* u *l-articles* tal-kumpanniji rispettivi.

Ipprezenta l-original tal-konvenju de quo.

Stqarr illi huma l-firem ta` l-ahhar li jorbtu ghalkemm huwa jitlob lill-partijiet sabiex jiffirmaw meta ssir xi korrezzjoni ; jaghmel hekk *tanto per.* Kollox sar f`daqqa. Wara li nghalaq il-konvenju, ma saret l-ebda korrezzjoni. Cahad li l-ewwel kienet iffirmata l-emenda jew korrezzjoni, u mbaghad gie ffirmat l-att. Il-prassi tieghu hija li jipprintja l-abbozz u jaqra mill-*printout.* Jassumi li huwa ghamel il-korrezzjoni u mbaghad tahulhom ghall-firma.

**Av. Dr. Amanda Poole** ghar-Registratur tal-Kumpanniji pprezentat atti registrati fir-Registru tal-Kumpanniji dwar Sam Investments Limited C 56784. Il-kumpannija kienet registrata fil-25 ta` Gunju 2012 izda ma

setghetx tghid il-hin preciz meta giet registrata. Jidher li r-registrazzjoni saret billi marret persuna fizikament fir-Registru. Ir-Registratur ma jzommx il-hin ta` meta tkun dahlet l-applikazzjoni ghal registrazzjoni.

**Il-konvenut Scifo Diamantino** xehed li l-konvenju in kwistjoni sar fil-25 ta` Gunju 2012 mhux fis-26 ta` Gunju 2012. Iltaqa` mal-partijiet l-ohra fl-10.00 a.m. ta` dakinhar. Biex sar il-konvenju damu minn nofs siegha sa tliet kwarti. Mistoqsi dwar l-emenda li tidher fuq il-konvenju a fol 6 u 7 tal-process, precizament fil-paragrafu 6, huwa sostna li l-konvenju kien sar ghal tlett xhur. Sar jaf bl-emenda wara meta tfaccat din il-kawza. Insista` li dik l-emenda ma saritx meta kien iffirmat il-konvenju. Fuq l-att kollu, hemm il-firma tieghu fl-ahhar tal-konvenju. Ma kienx hemm il-firma tieghu wara l-emenda.

Xehed li l-partner tieghu Anton Camilleri kien cempillu xi jumejn qabel sar il-konvenju u qallu li kien ahjar li jnehhu minn idejhom bicca art partikolari. Spjega li huwa kien talab lil Camilleri d-dettalji dwar min ried jixtri din l-art izda Camilleri qal illi ma kienx jaf lil min kien imhajjar. Camilleri nsista mieghu li l-prezz offrut kien tajjeb ghal art agrikola. Accetta li jiltaqghu ghand in-Nutar Charles Mangion mal-persuna li ried jixtri. Meta mar ghand in-nutar, kienu prezenti Camilleri wahdu mhux Saviour Borg ukoll. In-nutar kellu l-konvenju kwazi lest u Camilleri cempel lil Borg. Ftit wara wasal Saviour Borg u bdiet id-diskussjoni. Inqala` disgwid ma` Camilleri ghaliex huwa kien issuggerixxa li l-konvenju ma jsirx qabel isiru l-pjanti izda Camilleri nsista li l-konvenju jsir dakinhar. Wara li kompla jishaq fuq il-htiega ta` pjanta, Camilleri mar gab pjanta mill-karozza tieghu u mmarka l-art in kwistjoni.

Qal illi huwa kellu pressjoni enormi biex jiffirma peress li li kieku ma ffirmax, kien ser jispicca jiggieled minn mal-partner tieghu. Il-konvenju qatt ma nqara ; infatti staqsa lin-nutar x`hemm imnizzel bhala kejl u prezz. Ma kellux idea li kien qed jinnegozja ma` kumpannija ; fil-fatt haseb li kien qed jittratta ma` Borg personalment. Hareg minghand in-nutar b`kopja tal-konvenju minghajr l-emenda.

Spjega li meta hareg bil-konvenju f`idejh, sab li kien innegozja ma` kumpannija. Meta ghamel ricerka, ma setax issibha registrata. Cempel lill-avukat tieghu dak il-hin stess peress li Camilleri kien dahaq bih. Xi jiem wara rrizulta li s-socjeta` attrici ma kellha kapital tajjeb ; ghalhekk kien verament ghamel zball li accetta li jbiegh dik l-art b` dak il-prezz.

Fisser illi meta hareg mill-ufficcju tan-nutar, inghata *printout* tal-konvenju u mhux kopja ffirmata jew kopja legali. Kellu jinghata fotokopja li kieku tassew kien hemm l-emenda. Xi hamest ijiem wara li sar il-konvenju, mar ghand in-nutar u nghata kopja tal-konvenju li fuqha kien hemm l-emenda. Qal li ma jiftakarx li kien hemm xi dizgwid dwar it-terminu ta` validita` tal-konvenju. Kien iddizappuntat meta sab li s-socjeta` attrici kienet registrata fl-indirizz privat fejn joqghod Anton Camilleri.

Fil-**kontroezami** xehed illi kien minghalih li qed jittratta ma` persuna fisika mhux ma` kumpannija. Ghalhekk kienet sorpriza ghalih li sab miktub fil-konvenju l-isem tas-socjeta` attrici. Sostna li huwa ghamel hafna kuntratti u solitament l-isem ta` kumpannija kien jinkiteb b`ittri kapitali, izda fil-kaz tal-lum mhux hekk sar. Huwa ma oggezzjonax meta n-nutar tah *printout* tal-konvenju mhux fotokopja. Dwar il-prezz, hallaa f`idejn Camilleri. Mistoqsi kif fl-email a fol 25, ma hemmx accenn ghall-fatt illi n-negozju sar ma` kumpannija, mhux ma` persuna fizika, sostna li b` dak l-email ried juri liema kienet id-data korretta tal-konvenju.

Qal illi huwa accetta l-prezz indikat minn Camilleri. Sostna li n-nutar ma kienx qara l-konvenju. Ikkonferma li qabel iffirma, huwa ma kienx qara l-konvenju.

Fisser illi meta mar ghand in-nutar, kien jonqsu d-daqs tal-art u l-prezz. Ikkonferma l-firma tieghu li tinsab fil-genb ta` l-ewwel pagna tal-konvenju u fil-parti t` isfel ta` l-ahhar pagna tal-konvenju. Qal illi ma hemmx firma tieghu hdejn l-emenda, ghalkemm fejn l-emenda hemm iz-zewg firem tal-kontendenti l-ohra. Insista li l-kuntratt kellu jigi ppubblikat tlett xhur wara d-data tal-konvenju.

Ipprezenta l-*printout* tal-konvenju li kien inghata min-nutar ; tinsab esebita a fol 157 et seq. In-notamenti bl-ahmar ghamilhom hu stess. Huwa kiteb id-data ta` meta sar il-konvenju bhala 25 ta` Gunju fl-10.00 ta` fil-ghodu. Huwa ghamel is-sinjali bl-isfar.

**Brian Tonna** xehed illi Anton Camilleri kien laqqghu ma` Saviour Borg fl-ufficcju tieghu minn fejn imexxi *audit firm*. Spjega li sar *due diligence* tal-klijent potenzjali u nzammu *records* ta` l-*introducer*. Qal illi jekk wiehed

jghaddi mid-*due diligence* u mill-*client acceptance procedures* ikun jista` jaghmel socjeta`. Sar *due diligence* fuq Saviour Borg. Fil-kaz ta` Anton Camilleri, dan diga` kien klijent tad-ditta tieghu. Id-dokumenti tal-formazzjoni tas-socjeta` thejjew mill-ufficju tieghu u xi hadd mar bid-dokumenti ghand l-MFSA. Qal li huwa jkun prezenti kull darba li jigi klijent gdid ; wara ighaddi l-inkariku li haddiehor fl-ufficcju. Qal li ma jafx il-hin ezatt meta kienet registrata l-kumpannija in kwistjoni.

**Saviour Borg** xehed li l-konvenju in kwistjoni sar fil-25 ta` Gunju 2012. L-appuntament ghand in-Nutar Mangion kien fl-10.00 a.m. It-tul tal-konvenju kellu jkun sal-31 ta` Lulju 2012. It-tul naqas bi ftehim ma` l-konvenuti peress li n-nutar kien infurmahom li r-ricerki kienu lesti u kulma kien jonqos kienu xi *updates*. Diamantino ried li l-kuntratt isir aktar kmieni. Huwa fehem li r-ricerki kienu lesti ghaliex dawn kellhom xi bicca art vicin dik tal-konvenju, u alura kienu diga` saru r-ricerki in konnessjoni maghha. Diamantino ppartecipa fin-negozjati. In-nutar qara l-konvenju u kulhadd kellu kopja quddiemu. Diamantino talab lin-nutar kopja biex jaqraha dak il-hin waqt li n-nutar kien qed jaqra l-konvenju. Kulhadd telaq bla problemi mill-ufficju tan-nutar. Waqt il-konvenju, il-kumpannija tieghu ssemmiet mill-ewwel li ser tkun hi l-kumpratrici. Ippreciza li huwa kien innegozja ma` Anton Camilleri dwar l-art. Qal illi huwa jixtri r-raba`. Fil-fatt kien mar jara l-art ma` Camilleri u wara ltaqa` ma` Diamantino ghand in-nutar. Il-prezz kien diga` miftiehem izda kien ftehmu wkoll li l-pjanta ssir wara l-konvenju. Saret il-kumpannija sabiex tkun tista` tigi akkwistata l-art. Talab lil Camilleri biex ighinu jaghmel kumpannija u dan irrakkomanda lill-accountant tieghu.

Fil-**kontroezami**, stqarr illi huwa gharaf iz-zewg firem tieghu fuq il-konvenju. Isostni li l-konvenju ffirma kulhadd. Sar ftehim li jkun hemm survey ta` l-art sabiex jigi stabbilit il-kejl preciz izda dan baqa` qatt ma sar. In-nutar qara l-konvenju u li l-printout inghatat sabiex il-konvenut jkun jista` jaqra l-konvenju fl-istess hin li kien qed jaqrah in-nutar.

Xehed illi waqt li kien qed jaqra l-konvenju min-nutar, Diamantino beda jinsisti li t-terminu ta` validita` tal-konvenju kellu jkun iqsar. In-nutar kien qalilhom li r-ricerki kienu lesti u kulma kien hemm bzonn kienet li ssir l-*update.*

Spjega li t-terminu iqsar ta` validita` saret fuq insistenza tal-konvenut Diamantino.

Ikkonferma li s-socjeta` attrici saret bl-iskop li tixtri din l-art. Spjega li huwa jikri lil haddiehor u l-hsieb tieghu kien li jakkwista l-art tramite l-kumpannija attrici. Imbaghad kellu jikri lill-terzi barranin.

Qal illi ntuza l-indirizz ta` Anton Camilleri bhala l-ufficju registrat ta` Sam Investments Limited, peress li l-accountant bi zball haseb li l-kumpannija kienet ta` Anton Camilleri.

Spjega li s-shares huma f` ismu. Saru shares A u B fuq parir legali.

Xehed illi ffirma l-articles of association u l-memorandum xi gimgha jew hmistax qabel sar il-konvenju. Qal illi ma jafx ghalfejn il-kumpannija damet biex tkun registrata.

Qal illi Anton Camilleri kien hallas il-mizata tar-registrazzjoni u l-kapital tal-kumpannija. Imbaghad huwa kien hallas lura lil Anton Camilleri peress li huwa bil-hanut u ma tantx jkun jista` jiccaqlaq.

Spjega li s-shares kienu ta` natura A u B ghal ragunijiet ta` negozju. Dan nonostante s-shares xorta wahda huma kollha f`ismu.

**<u>Anton Camilleri</u>** kkonferma li l-konvenju kien iffirmat fil-25 ta` Gunju 2012. Fil-fatt kien hemm zball fid-data u hadd ma kien nduna.

Qal illi ma` Borg, kien intlahaq ftehim dwar tlett xhur.

Waqt li kienu ghand in-nutar, Diamantino beda jinsisti li ma jridx idum daqshekk.

Per konsegwenza, sar ftehim li l-validita` tal-konvenju kellu jkun ta` xahar.

Qal lil Diamantino illi Borg kien imhajjar ghall-ghalqa.

Cahad li ndahal fil-kumpannija attrici biex ilaqqa` lil Borg ma` l-accountant tieghu.

Insista li m`ghandu l-ebda interess fis-socjeta` attrici.

Qal illi meta ltaqghu ghand in-nutar, dan tal-ahhar beda jikteb bil-kompjuter, imbaghad stampa l-konvenju, u ghamel zewg kopji peress li Diamantino talbu kopja biex jaqra l-konvenju waqt li n-nutar jkun qieghed jaqra.

Spjega li meta wasal ghall-validita`, Diamantino nsista li l-validita` tal-konvenju tkun anqas.

Spjega li l-emenda saret bil-biro u n-nutar baqa` jaqra.

Imbaghad kien iffirmat il-konvenju.

Insista li darba biss iffirmaw fuq il-konvenju.

Fil-**kontroezami**, xehed illi huwa qatt ma ghamel negozju ma` Saviour Borg.

Ikkonferma li giet iffirmata kopja wahda tal-konvenju.

Sostna li l-kalligrafija li biha nkitbet l-emenda dwar il-validita` tal-konvenju ma kinitx tieghu waqt li l-emenda saret min-nutar.

Ikkonferma li l-emenda saret biss fil-kopja li kellu n-nutar.

Sostna li wara li kien iffirmat il-konvenju, in-nutar ghamel fotokopja tal-konvenju u ffirmalhom kopja.

Spjega li fil-bidu, Borg talab li l-konvenju jkun ghal zmien sitt xhur izda Diamantino rrifjuta.

Spjega li mbaghad ftiehem li t-terminu jkun ghal tlett xhur izda gara li fuq il-konvenju Diamantino nsista fuq zmien aqsar.

Qal illi huwa kien jaf li Borg kien ser jixtri b` kumpannija.

Qal ukoll illi la kien jaf il-prezz li kien ser jithallas kollu mal-kuntratt, ma kienx joqghod jidhol fil-kwistjoni dwar jekk hijiex ser tixtri kumpanija jew persuna fizika.

Cahad li huwa kien jaf li Borg kien ser jixtri din ir-raba` biex jikriha lil xi terzi.

## IV. Risultanzi

### 1. L-ewwel eccezzjoni

Fil-mori tal-kawza, din l-eccezzjoni kienet superata bid-digriet li tat din il-Qorti fl-10 ta` Gunju 2014 fejn laqghet it-talba tal-kumpannija attrici kif dedotta fir-rikors taghha tal-21 ta` Mejju 2014. Hemm saret talba ghall-korrezzjoni tar-rikors guramentat sabiex kull fejn tirrikorri r-referenza ghal konvenju datat 26 ta` Gunju 2012 tigi sostitwita bil-kliem "konvenju ffirmat fil-25 ta`Gunju 2012 izda erroneament datat 26 ta` Gunju 2012". Billi l-korrezzjoni la kienet tbiddel is-sostanza tal-azzjoni u lanqas tippregudika l-eccezzjonijiet dwar il-mertu, it-talba kienet milqugha.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenut Scifo Diamantino, sar l-argument illi l-izball veru u proprju kien fil-konvenju stess u mhux fir-rikors guramentat odjern bil-konsegwenza li l-izball ma setax jigi korrett mill-Qorti. Sar ukoll l-argument illi l-konvenju li fuqu kienet fondata l-azzjoni attrici

jixhed obbligazzjoni differenti minn dik li kellhom f`mohhom il-partijiet fil-mument li ffirmaw l-istess konvenju. Inghad ukoll li d-data mhijiex biss formalita` izda tikkostitwixxi parti integrali mill-ftehim ta` bejn il-kontendenti tant li hija marbuta ma` numru ta` rekwiziti legali bhalma huma r-registrazzjoni fi zmien prefiss tal-konvenju mad-Direttur Generali (Taxxi Interni) u t-terminu tal-validita` tal-konvenju. Ghalhekk il-konvenut sahaq li t-talbiet attrici kif dedotti ma jistghux jintlaqghu billi (i) huma bbazati fuq konvenju li jixhed obbligazzjonijiet differenti min dawk li kellhom f`mohhom il-partijiet fil-mument li ffirmaw l-istess konvenju, (ii) minhabba zball manifest li sar fil-konvenju u (iii) billi huma fondati fuq premessi li huma ntrinsikament zbaljati.

Il-Qorti ma taqbilx ma` dawn l-argumenti.

L-eccezzjoni kienet fis-sens li t-talbiet attrici in kwantu jirreferu ghad-data erronja tas-26 ta` Gunju 2012 u in kwantu qed jintalab li Scifo Diamantino jersaq ghall-pubblikazzjoni ta` kuntratt ta` bejgh skont il-pattijiet u kondizzjonijiet ta` l-istess konvenju erronjament datat, huma totalment insostenibbli. Imkien ma sar accenn fl-eccezzjoni ghall-argumentazzjoni mressqa f`dan l-istadju fis-sens li l-konvenju mertu tal-kawza qieghed jixhed obbligazzjoni differenti minn dik li kellhom f`mohhom il-partijiet fil-mument li ffirmaw. Fil-fatt l-eccezzjoni hija ntrinsikament marbuta ma` l-insostenibilita` tat-talbiet u tal-premessi tar-rikors guramentat minhabba li originarjament dawn kienu jindikaw d-data hazina tas-26 ta` Gunju 2012. Kif diga` nghad, in vista tad-digriet moghti fl-10 ta` Gunju 2014, l-eccezzjoni giet sorvolata peress li prezenzjalment, dak li hemm imnizzel fil-premessi u t-talbiet tar-rikors guramentat huwa li l-konvenju gie ffirmat fil-25 ta` Gunju 2012 izda erroneament gie datat 26 ta` Gunju 2012. Inoltre jigi rilevat li l-partijiet kollha kif ukoll in-nutar li rrediga l-konvenju in kwistjoni qablu li d-data korretta kienet dik tal-25 ta` Gunju 2012 u mhux dik erronjament imnizzla bhala 26 ta` Gunju 2012. Saret referenza wkoll ghall-fatt li l-legali tal-konvenut Scifo Diamantino stess kien informa lin-nutar stess permezz ta` email dwar l-izball fid-data (fol 25). Ghalhekk, ma hemm l-ebda dubju li l-kontendenti nkluz Scifo Diamantino kienu jafu dwar liema konvenju kienet tittratta din il-kawza u dwar liema obbligazzjoniet kienu jemergu mill-istess skrittura.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

## 2. <u>It-Tieni Eccezzjoni</u>

Il-konvenut Scifo Diamantino jsostni li l-eccezzjoni titlaq mill-premessa li l-emenda li saret ghall klawsola 6 tal-konvenju ma tixhidx il-firma tieghu izda tixhed biss il-firma tar-rapprezentanti tal-kumpannija attrici u tal-kumpannija konvenuta.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-verzjonijiet konfliggenti rrizultaw : minn naha wahda, il-verzjoni tar-rapprezentanti tal-kumpannija rikorrenti u dik konvenuti fejn it-tnejn isostnu illi l-emenda dwar il-validita` tat-terminu tal-konvenju saret fuq insistenza ta` Scifo Diamantino stess u saret dak il-hin stess ma` l-iffirmar tal-konvenju ; min-naha l-ohra Scifo Diamantino sostna illi l-emenda sar jaf biha biss meta saret din il-kawza u li skont il-ftehim il-konvenju kellu validita` ta` tlett xhur.

Il-kwistjoni tirriduci ruhha ghal wahda ta` kredibilita` u versomiljanza tal-versjonijiet.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**<u>Xuereb et vs Gauci et</u>**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : “**<u>Bugeja vs Meilak</u>**” – **<u>PA/TM</u>** – 30 ta` Ottubru 2003 ; “**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**” – **<u>PA/PS</u>** – 28 ta` Mejju 2003 ; “**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**” – **<u>PA/CC</u>** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza “**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**” kien precizat hekk –

*“Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)”*

(ara wkoll : “**<u>Camilleri vs Borg</u>**” – **<u>Appell Civili</u>** – 17 ta` Marzu 2003 ; “**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**” – **<u>Appell Kummercjali</u>** – 25 ta` Frar 1952 ; “**<u>Vassallo vs Pace</u>**” – **<u>Appell Civili</u>** – 5 ta` Marzu 1986)

Ghal din il-Qorti mhijiex attendibbli l-verzjoni tal-fatti kif mistqarra minn Scifo Diamantino fis-sens illi ma kienx jaf bl-emenda dwar il-validita` tat-terminu tal-konvenju u li sar jaf biha biss meta saret il-kawza tal-lum.

Qed jinghad hekk ghaliex mill-korrispondenza ezebita a fol 25 et seq, jirrizulta li l-legali tal-konvenut Scifo Diamantino kien baghat email lin-Nutar Mangion fis-6 ta` Lulju 2012, ossija ftit jiem wara li sar il-konvenju, fejn ghamilha cara li huwa kellu diga` kopja legali tal-konvenju fejn kien hemm indikata d-data zbaljata tas-26 ta` Gunju 2012. Fid-deposizzjoni tieghu *viva voce,* l-istess konvenut jaccetta li hamest ijiem wara li sar il-konvenju, huwa kien inghata kopja legali tal-konvenju min-nutar ; fil-kopja kien hemm inkluza l-emenda. Ghalhekk abbazi ta` li xehed Scifo Diamantino

nnifsu jirrizulta li kien ilu jaf bl-emenda ta` l-anqas minn dakinhar u mhux meta kienet prezentata l-kawza.

Huwa ferm sinjifikanti wkoll li fl-email tas-6 ta` Lulju 2012, imkien ma ssemmiet il-kwistjoni ta` l-emenda. Kif diga` nghad, fil-kopja legali, kienet imnizzla l-emenda tant li fix-xiehda tieghu, il-konvenut accetta li l-*printout* li nghata dakinhar tal-konvenju ma kellhiex l-emenda izda l-kopja legali li nghatat lilu min-nutar xi hamest ijiem wara kienet tinkludi l-emenda. Dan kollu jimpingi fuq il-kredibilita` tal-konvenut fis-sens li jekk huwa minnu li ma kienx hemm qbil dwar din l-emenda, x` kienet ir-raguni li tali emenda ma ssemmietx f` dan l-email ? Il-Qorti hija propensa li tqis dan is-silenzju bhala li jfisser li ma kienx hemm ebda oggezzjoni ghal terminu iqsar sabiex isir il-kuntratt finali. Terminu iqsar kien ta` vantagg ghall-vendituri u cioe` z-zewg konvenuti ghaliex kienu sejrin jithallsu qabel ladarba l-kuntratt kellu jsir fi zmien iqsar.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut Scifo Diamantino jaghmel referenza ghal hames punti sabiex jindika li l-kontendenti l-ohra kienu f`kolluzjoni bejniethom u li ghalhekk dan ghandu jimpingi fuq il-kredibilita` tad-deposizzjonijiet moghtija minnhom.

Fl-istadju prezenti tal-kawza l-Qorti mhijiex tqis il-mertu. Allegazzjoni ta` kolluzzjoni bejn il-kontendenti l-ohra taqa` fil-mertu tal-kontrotalba tal-konvenut Scifo Diamantino. Mhuwiex dan ta` issa l-istadju fejn ghandha tkun investigata l-allegazzjoni.

Dak li l-Qorti tara incert fix-xiehda ta` Borg u Camilleri huwa meta jghidu li n-nutar hareg zewg *print outs* li wahda giet moqrija minnu u l-partijiet iffirmaw fuqha u l-ohra nghatat lill-konvenut Scifo Diamantino sabiex ikun jista` jsegwi dak li kien qed jaqra n-nutar.

Din il-Qorti tosserva li fl-original tal-konvenju ezebit jidher li l-prezz tal-bejgh gie ttajpjat u ma giex mizjud bil-linka bhalma saret l-emenda dwar il-validita` tat-terminu tal-konvenju. Mill-banda l-ohra, fil-*printout* li nghatat lill-konvenut Scifo Diamantino min-Nutar Mangion, u li giet ezebita a fol 157 u 158 tal-process, ma kienx hemm ittajpjat il-prezz tal-bejgh mentri l-klawsola tat-terminu tal-validita` tal-konvenju kienet imnizzla bhala dik ammontanti ghat-terminu stipolat mil-ligi ossija tlett xhur.

Madanakollu, anke li kieku l-Qorti kellha tiskarta x-xiehda ta` Borg u Camilleri, il-fatt jibqa` x-xiehda tan-Nutar Mangion kienet cara u ma kenitx kontradetta. Kienet cara fuq il-punt ta` sostanza tal-kwistjoni u cioe` meta insista ghal darba darbtejn illi l-iffirmar sar kollu fl-istess hin minn kulhadd u li assolutament ma saru l-ebda korrezzjonijiet wara li gie ffirmat il-konvenju.

Din il-Qorti tghid illi minn ezami tal-konvenju originali jidher li l-konvenut Scifo Diamantino ma ffirmax magenb l-emenda dwar it-terminu ta` validita` tal-konvenju. Izda hija tal-fehma li dak li gara fir-realta` kien li meta kienu qed isiru l-firem fuq il-konvenju, il-konvenut Scifo Diamantino bi zvista ma ffirmax magenb l-emenda. Madanakollu, l-istess konvenut iffirma fuq dik l-istess pagna fejn kien hemm l-emenda u dana wara li n-nutar qara l-konvenju lill-partijiet, hekk kif ikkonferma bil-gurament tieghu n-nutar. Dan huwa ferm rilevanti stante li dan il-fatt ikompli jsostni l-fehma tal-Qorti illi l-konvenut Scifo Diamantino ta l-kunsens tieghu meta ffirma l-istess dokument ghall-obbligazzjonijiet assunti fuq il-konvenju.

Tenut kont ta` dan kollu, ghandu issa jigi ezaminat jekk in-nuqqas ta` iffirmar da parti ta` Scifo Diamantino magenb l-emenda jirrendix il-konvenju nvalidu fil-konfront tal-istess konvenut Scifo Diamantino.

Din il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta` firma magenb l-emenda assolutament ma jirrendix il-konvenju invalidu.

Lanqas ma tara li dak in-nuqqas iwassal ghal rizultat li dak il-konvenju mhux vinkolanti ghall-konvenut Scifo Diamantino kif del resto eccepixxa.

Fl-aghar ipotezi ghas-socjeta` attrici, jista` jsir l-argument li n-nuqqas ta` firma da parti ta` Scifo Diamantino magenb dik l-emenda jgib l-invalidita` ta` l-emenda pero` certament ma hemmx argument li jaghmel invalidu l-intier tal-konvenju. Mhux sostenibbli l-argument tal-konvenut Scifo Diamantino li l-konvenju jimporta obbligazzjoni differenti minn dik illi assuma l-istess konvenut.

Biex jaghti sostenn ghall-eccezzjoni dwar l-invalidita` intiera tal-konvenju, il-konvenut jaghmel referenza ghas-sentenza "**Agius et vs**

**Caruana et**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 2001, ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-20 ta` Jannar 1961 fil-kawza "**Spiteri vs Buhagiar**" u ghas-sentenza "**Cassar pro et noe et vs Baldacchino**" moghtija fis-27 a` Gunju 2007 minn din il-Qorti u kkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell.

Il-Qorti rat din il-gurisprudenza.

Ghalkemm taqbel mal-insenjamenti li jirrizultaw, tosserva li dawn kienu lkoll sentenzi dwar istanzi fejn kien hemm assenza ta` firma fuq skrittura.

Fil-kawza "**Agius et vs Caruana et**" il-kwistjoni kienet dwar skrittura ta` tigdid tal-validita` ta` konvenju li ma gietx iffirmata mill-partijiet kollha u b`hekk kienet tirrigwarda obbligazzjoni gdida li ma kinitx inkluza fit-termini tal-konvenju originali ffirmat.

Fis-sentenza inghad gustament hekk :-

*"L-att pubbliku jew skrittura privata f`kaz ta` weghda ta` trasferiment ta` immobbli huma ezatti mil-ligi mhux "ad probationem tantum" imma "ad solemnitatem" u n-nuqqas taghhom jipproduci n-nullita` assoluta tan-negozju giuridiku b`mod li l-obbligazzjoni ma tistax tigi konfermata u lanqas ratifikata u fuq dak il-ftehim ma tista` tintalab l-ebda ezekuzzjoni" (Volum XXXIX.i.16). Din il-konsiderazzjoni tapplikawkoll ghall-ftehim li bih konvenju jkun gie estiz. Dan proprju ghaliex it-terminu tal-konvenju hu tal-essenza tieghu u ma setax allura ma jkunx jirrizulta minn skrittura illi tiddikjara t-terminu tieghu, li altrimenti kellu jitqies skond il-ftehim li jkun skada, kien gie mgedded bil-kunsens tazzewg kontraenti. Dan hu aktar u aktar hekk meta, bhal fil-kaz that ezami, l-ftehim li bih il-konvenju jkun gie estiz ghall-perjodu iehor ikun jinkludi kondizzjonijiet u ma kienux jifformaw parti mill-ftehim ta` weghda ta` bejgh originali."*

Il-kawza "**Spiteri vs Buhagiar**" kienet ukoll tittratta dwar nuqqas ta` firma fuq skrittura ta` lokazzjoni.

Il-kawza "**<u>Cassar pro et noe et vs Baldacchino</u>**" kienet dwar nuqqas ta` firma fuq skrittura ta` cessjoni u gustament gew citati is-segwenti bhala motivazzjoni ghalfejn dik l-iskrittura ma setghetx titqies valida :

*Issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mac Pherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Company Limited** nhar 12 ta` Dicembru 2002 fejn inghad li :-*

*"Fl-assenza tal-firem, il-prova trid issir sabiex tikkonferma dak indikat fl-iskrittura, trid tkun wahda konvincenti u konklussiva."*

*L-Awtur **Laurent** fil-ktieb **Principi di Diritto Civile** Vol. XIX pagna 196 jipprovdi li :-*

*"l-atto e` uno scritto redatto per constatare un fatto guridico, ora e` la sottoscrizzione che certifica cio che le parti constatano, non vi e dunque, atto senza firma."*

*Dan il-principju hu konkordanti fil-gurisprudenza taghna li rriteniet li l-iskrittura ghandha tkun iffirmata miz-zewg partijiet jew awtentikata kif trid il-ligi ghax diversament ikun hemm in-nullita talkonvenzjoni(**Vol. XXXII P I p 92**).*

*Kif jinghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell (per Onor. Imhallef Philip Sciberras) fl-ismijiet **Lilian Spiteri noe vs Anthony Sammut et** deciza nhar it-2 ta` Lulju 2003 "huwa pacifikament akkolt illi jekk skrittura private ma tigix iffirmata minn idejn kull wiehed mill-partijiet jeew ma tirrizultax l-awtentikazzjoni ta` xi firem kif trid il-ligi din ma ghandha l-ebda validita legali (**Vol. XXXIII P III p 504; Vol XLVIII P II p 826**) …*

*Tant hi importanti l-firma fuq skritturi privati illi sew id-dottrinalegali sew il-gurisprudenza irrizolvew certi problemi applikativi taghha b` diversi modi. Il-Qorti mhix behsiebha hawn tidhol f` dibattitu akkademiku dwarhom imma tqis sufficjenti li tirregistra dak pacifikament stabbilit, u cjoe, illi "l-iskrittura privata jekk ma tkunx iffirmata personalment minn kull parti ghandha tigi awtentikata skond il-ligi, u dan taht piena ta` nullita`". Ara "**Alfred St. John -vs- Robert Magri**", Appell Civili, 4 ta` Dicembru, 1944; "**Paolo Sciberras -vs- Giorgio Baldacchino**", Qorti tal-Kummerc, 15 ta` April, 1949 u "**Maria Micallef et -vs- John Galea**", Appell Civili, 9 ta` Gunju, 1967. Dan wara kollox hekk jissanzjoni l-Artikolu 1233 (2) tal-KodiciCivili, f` kombinazzjoni ma` dawk tar-regoli dettati fl- Artikolu 634 et sequitur tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Issa l-kaz tal-lum ma jittrattax dwar kwistjoni ta` nuqqas ta` firma fuq l-att innifsu izda nuqqas ta` firma magenb emenda.

Kif diga` nghad, jidher li n-nuqqas ta` firma sehhet magenb l-emenda izda fl-istess pagna fil-parti ta` isfel, kien hemm it-tlett firem tal-partijiet kollha fuq dak il-konvenju.

Fil-fehma ta` l-Qorti, illum il-gurnata huwa irrelevanti jekk il-konvenju kellux validita` sa l-ahhar ta` Lulju 2012 jew kellux validita` ta` tlett xhur peress li dawn id-dati ghaddew it-tnejn.

Il-fatt li Scifo Diamantino ma kienx iffirma magenb l-emenda ma jfissirx li sar tbaghbis dwar it-terminu tal-validita` tal-konvenju. Li jfisser huwa li l-affarijiet ma sarux kif kellhom isiru, kif sfortunatament gieli jigri. Irid jitqies li f`dan il-kaz l-emenda kienet tistipola zmien aqsar u mhux itwal ta` validita` tat-terminu tal-konvenju u ghalhekk it-tqassir tat-terminu ta` validita` ma kellux ikun ta` pregudizzju ghall-konvenut Scifo Diamantino izda bil-maqlub kellu jiffavorixxi lilu.

Jinghad izda li meta l-iskrittura privata tkun tinkludi weghda ta` bejgh, l-Art 1233 tal-Kap 16 istipola li din ghandha ssir bil-miktub.

Fil-kawza "**<u>Baldacchino et noe vs Camilleri et</u>**" deciza fil-5 ta` Ottubru 1998, il-Qorti ta` l-Appell qieset l-elementi mehtiega sabiex skrittura tkun valida skont dik id-disposizzjoni :-

*Hu car allura illi biex l-iskrittura taht is-subinciz (a) ta` l-artikolu 1233 tkun valida fil-ligi jehtieg li tkun (a) tirrispekkja l-volonta` tal-kontraenti riflessa fil-firem taghhom; (b) tikkontjeni l-weghda ta` trasferiment li tkun tifforma l-oggett ta` dak il-ftehim; (c) tidentifika dan l-oggett li kellu jigi trasferit; (d) tistipula t-titolu li bih ikun gie miftiehem li kellu jsir it-trasferiment u (e) jindika l-prezz jew konsiderazzjoni miftehma li jistghu jkunu determinanti jew determinabbli skond il-ftehim.*

Din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) ikkonfermat dan l-insenjament fis-sentenza taghha tal-24 ta` April 2001 fil-kawza "**<u>Azzopardi vs Zammit noe</u>**".

L-istess ghamlet il-Qorti ta` l-Appell fid-decizjoni taghha tad-29 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Gauci Borda et vs Azzopardi et**".

Iz-zmien ta` kemm ghandu jibqa` jghodd mhuwiex rekwizit *ad validitatem* ghall-validita` ta` konvenju. Tant hu hekk li meta l-partijiet ma jispecifikawx zmien, il-ligi tistabilixxi z-zmien hi u cioe` tliet xhur [ara l-Art 135792) tal-Kap 16]. Ghalhekk ma hemmx kwistjoni ta` nullita`.

**Din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba kienet nieqsa l-firma tal-konvenut Scifo Diamantino magenb l-emenda mal-firem ta` Borg u Camilleri, dik l-emenda ma ghandhiex titqies bhala valida, izda ghandha tghodd il-klawsola originali li kienet tistipola terminu ta` tlett xhur. Il-konvenju jibqa` validu ghar-ragunijiet spjegati aktar kmieni.**

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni wkoll.**

## 3. It-Tielet Eccezzjoni

Din hija eccezzjoni ta` intempestivita`.

Fit-trattazzjoni s-socjeta` attrici sostniet li din l-eccezzjoni giet sorvolata bil-*ius superveniens* ghas-semplici fatt li d-data tal-25 ta` Settembru 2012 (li hija precizament id-data ta` tlett xhur wara l-iffirmar tal-konvenju in ezami) illum-il gurnata ghaddiet.

In sostenn ta` l-eccezzjoni, saret referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**Wood vs Attard**" tat-18 ta` Lulju 2014. Hemm il-Qorti qieset bhala aggravju fieragh illi fis-sitwazzjonijiet fejn ikun hemm eccezzjoni dwar intempestivita` ta` l-azzjoni, il-Qorti ghandha tieqaf fuq il-mument li fih tkun saret il-kawza u assolutament mhux fuq kull ma seta` gara jew ma garax wara.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fil-kawza '**Galea vs**

**<u>Zammit Haber et</u>**' tad-9 ta` Mejju 2007 (u kkonfermata fl-appell) fejn intqal inghad hekk :-:

*F`dan ir-rigward wiehed jista` wkoll jaghmel riferenza ghall-principju tal-jus superveniens. Kuncett li gie applikat mill- Qrati taghna anke meta difett inizjali gie sanat bissopravenienza tad-dritt per ezempju wara l-eccezzjonijiet, sahansitra wkoll meta l-kawza kienet fi stadju ta` appell.*

*Hekk per ezempju fil-kawzi* ***Carmela Catro` vs Arturo Grech et*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Mejju 1947 (Vol. XXXIII.i.108.):- "illi wara s-sentenza ta` l-Ewwel Qorti l-appellanti pprezentat ic-cedola ta` l-irkupru u b`hekk irradikat id-dritt taghha pretiz fic-citazzjoni. In vista ta` dan, u bis-sahha tal-principju jus superveniens firmat actionem vel exceptionem, ma jistax jinghad izjed li l-appellanti ma ghandhiex interess ghall-ezercizzju ta` l-azzjoni prezenti, li ghandha bhala skop li twaqqa` permuta li tippretendi falza u simulata, biex thares id-dritt taghha ta` l-irkupru u tlesti triq ghall-kawza tar-rivendizzjoni. Ghalhekk biss, ghallmotiv tal-jus superveniens fuq imsemmi, hemm lok li ssentenza ta` l-Ewwel Qorti tigi revokata, u li l-kawza tigi mibghuta lill-istess Qorti ghat-trattazzjoni u definizzjoni fil-meritu".*

*Bhal din is-sentenza hemm ohrajn:-* ***Salvino Abela vs Jimmy Spagnol*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta` Jannar, 1986;* ***Antonio Falzon vs Salvatore Camilleri et*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-8 ta` Frar, 1943 (Vol. XXXI.i.588) ; u* ***Maria Concetta Cardona vs Salvatore Bonnici et*** *deciza mill-Qorti ta` l- Appell fit-30 ta` Gunju 1947 (Vol. XXXIII.i.195).*

Din il-Qorti tqis illi llum l-eccezzjoni giet sorvolata ladarba ghaddew it-tlett xhur mid-data tal-konvenju.

**Il-Qorti qeghda tichad it-tielet eccezzjoni**.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Cornelius Francis sive` Maurice Scifo Diamantino, u qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba` eccezzjoni tal-istess konvenut billi din tal-ahhar kienet ritirata fil-mori tal-kawza.**

**Tordna lill-konvenuta Simone Diamantino, li f`isimha kienu trasfuzi l-atti bhala konvenuta, wara l-mewt ta` l-konvenut Cornelius Francis sive` Maurice Scifo Diamantino, sabiex thallas l-ispejjez kollha tas-sentenza tal-lum.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**